MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 2138/2000/1

**Avukat Dottor Stephen Muscat bhala**

**Mandatarju Specjali tas-Socjeta` estera Max**

**Callcentre Development Int. (CDI) Ltd.**

**v.**

**Worldwide Communications Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li pprezentat is-socjeta` attrici fid-29 ta' Settembru 2000, u li taqra hekk:

"Peress illi l-attur *nomine* fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta ppresta lill-istess socjeta` konvenuta diversi servizzi *ai termini* ta' skrittura privata tal-31 ta' Lulju 1999, liema servizzi kienu jikkonsistu primarjament billi l-attur *nomine* jipprovdi servizz ta' *project management* ghall-progetti tas-socjeta` konvenuta;

"Peress illi in esekuzzjoni ta' tali skrittura, l-attur *nomine* adempiet l-obbligi taghha (inkluz dak imsemmi fis-suespost) sad-data tat-3 ta' Marzu, meta ma setax ikompli tali nkarigu minhabba l-inadempjenza da parti s-socjeta` intimata;

"Peress illi hija dovuta, bis-sahha tal-iskrittura privata tal-31 ta' Lulju 1999, is-somma ta' mija u tmienja u erbghin elf u tmin mitt Dollaru Amerikan (USD 148,800), kif ukoll ammont ta' sebat elef seba' mija u disgha u hamsin Dollaru Amerikan u tmintax-il centezmu (USD 7.759.18), ghal spejjez inkorsi mill-attur *nomine*, ghas-somma globali ta' mija u sitta u hamsin elf hames mija u disgha u hamsin Dollaru Amerikan u tmintax-il centezmu, li bir-rata tal-kambju odjerna tammonta ghas-somma ta' **sebghin elf seba' mija u dsatax-il lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm70,719.66)**;

"Peress illi ghalkemm l-attur interpella lis-socjeta` konvenuta diversi drabi, anke permezz ta' ittra ufficjali, l-istess socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

"Peress illi l-ammont imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talbiet attrici;

"Tghid is-socjeta` konvenuta ghar-ragunijiet premessi prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

"1. Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *ai termini* tal-artikoli 167-171 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (KAP 12);

"2. Tikkundannaha thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' **sebghin elf seba' mija u dsatax-il lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm70,719.66)** dovut kif inghad hawn fuq, flimkien mal-imghaxijiet legali dekorribbli sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha.

"Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali kontra s-socjeta` konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni."

Rat illi b'digriet tat-22 ta' Novembru, 2000, l-ewwel Qorti akkordat zmien lis-socjeta` konvenuta sabiex din tipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet:

"1. Preliminarjament l-attur ghandu jipprova l-mandat tieghu.

"2. Illi l-ftehim li a bazi tieghu saret din il-kawza ffirmat fil-31 Lulju 1999 sar bejn is-socjeta` esponenti u Max Call Centre Development International Limited u ghalhekk ghandha issir id-debita korrezzjoni fic-citazzjoni u l-atti maghha annessi.

“3. Illi l-pretiza terminazzjoni tal-imsemmi ftehim da parti tas-socjeta` attrici fit-3 ta’ Marzu 2000 hija legalment invalida, irregolari u ineffettiva ghaliex ma saritx skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 8.2 tal-imsemmi ftehim u konsegwentement is-socjeta` attrici kienet u ghadha marbuta li tesegwixxi l-obbligi taghha minnha assunti, liema obbligi bhala fatt ma gewx u mhumiex qeghdin jigi esegwiti, u ghaldaqstant mhijiex intitolata li tircievi r-rimunerazzjoni msemmija fil-ftehim.

“4. Illi fi kwalunkwe kaz is-socjeta` attrici, anki qabel it-3 ta’ Marzu 2000, ma kenitx qed tonora l-obbligi assunti minnha taht l-imsemmi ftehim tal-31 ta’ Lulju 1999 u ghaldaqstant mhijiex intitolata li tircievi r-rimunerazzjoni msemmija fil-ftehim.

“5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, bi ftehim bejn il-partijiet milhuq fl-4 ta’ Jannar 2000, ebda pagament ma kellu jinghata sakemm il-Project Manager u l-uniku direttur tas-socjeta` attrici (certu Frank Schmidt) jottjeni “employment licence” mill-awtoritajiet kompetenti.

“6. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mill-ammont mitlub mis-socjeta` attrici bhala remunerazzjoni ghal servizzi ta’ konsulenza ghandu jitnaqqas it-taxxa bir-rata ta’ hamsa u tletin fil-mija (35%) kif wkoll l-arretrati applikabbli u dan kemm *in vista* tal-fatt illi s-socjeta` attrici mhix residenti f’pajjiz li mieghu Malta ghandha *double tax treaty* kif ukoll *in vista* ta’ ftehim illi kien sar bejn il-partijiet f’dan is-sens.

“7. Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub huwa eccessiv u mhuwiex skont il-ftehim.

“8. Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-istess socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet:

"1. Illi s-socjeta` attrici ma ghandha l-ebda interess guridiku f'dawn il-proceduri, *stante* li hija ittrasferiet id-dritt minnha vantat f'din il-kawza lil Frank Schmidt fil-01/02/00 u ghaldaqstant, is-socjeta` esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju."

Rat is-sentenza preliminari tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Settembru, 2013, fuq din l-eccezzjoni ulterjuri li in forza taghha cahdet l-istess eccezzjoni (dwar in-nuqqas ta' interess guridiku tas-socjeta` attrici), bl-ispejjez jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Permezz ta' din il-kawza, l-attur nomine qed jitlob il-hlas ta' servizzi rezi lis-socjeta` konvenuta *ai termini* ta' skrittura privata datat il-31 ta' Lulju 1999. Is-socjeta` attrici (CDI) tghid li adempiet l-obbligi taghha izda kellha ttemm il-ftehim unilateralment fit-3 ta' Marzu 2000, u dan minnhabba l-inadempjenza da parti tas-socjeta` intimata.

"Is-socjeta` konvenuta (WCL) irribattiet li l-pretiza terminazzjoni tal-ftehim da parti tas-socjeta ' attrici kienet invalida, irregolari u ineffettiva *ai termini* tal-istess ftehim u f'kull kaz is-socjeta`attrici ma kenitx qed tonora l-obbligi assunti minnha anke qabel it-3 ta' Marzu 2000 *oltre* eccezzjonijiet ohra.

"B'nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri taghha, esebita a fol 222A tal-process[1], eccepiet li s-socjeta` attrici m'ghandha ebda interess guridiku f'dawn il-proceduri in kwantu li qabel ma giet intavolata din il-kawza, kienet gja attrici ittrasferiet id-dritt minnha pretiz lill-Frank Schmidt.

[1] Awtorizzat b'Digriet tal-13 ta' Ottubru 2006 a fol. 226 tal-process.

"Din hija sentenza in parte fuq l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjeta` konvenuta.

"Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Fil-31 ta' Lulju 1999, gie iffirmat ftehim bejn iz-zewg kumpanniji,Max Callcentre Development Int. (CDI) u WorldWide Communications Limited, (WCL) il-kontendenti rispettivi f'din il-kawza, ghat-twaqqif ta' *call centre* internazzjonali f'Malta. Permezz ta' dan il-ftehim, CDI kellu jipprovdi '*Project Manager*', identifikat fil-ftehim fil-persuna ta' Frank Schmidt, sabiex iwettaq is-servizzi elenkati fil-ftehim. Dan il-ftehim gie itterminat mis-socjeta` attrici minhabba allegat inadempjenza fit-3 ta' Marzu 2000.

"Fil-mori tal-proceduri gie a konoxxenza tas-socjeta konvenuta li fl-1 ta' Frar 2000, u cioe`, qabel ma giet ipprezentata din il-kawza sar ftehim bejn *Max Call Center Development International Limited* u Frank Schmidt, li permezz tal-istess hemm miftiehem li:

> "1. *Mr. Frank Schmidt has the requested payment from Max Limited for outstanding amount of 425,000USD for Managing Director fees;*
>
> "*2. Max Limited transfers its entire demand for payment from World Wide Communication Ltd to Mr. Frank Schmidt.*
>
> "*3.Mr. Frank Schmidt is legally allowed to request payment in court in his own name."*[2]

Is-socjeta` konvenuta issottomettiet li permezz tal-ftehim imsemmi is-socjeta` attrici effettivament ittrasferiet id-dritt tal-azzjoni ghall-pagamenti dovuti skont il-ftehim tal-31 ta' Lulju 1999 direttament lil Frank Schmidt fil-kwalita personali tieghu. Dan id-dritt huwa l-oggett tal-kawza odjerna u b'konsegwenza ta' tali trasferiment, CDI ma kellhiex l-interess guridiku mehtieg biex tmexxi dawn il-proceduri.

[2] esebit bhala DOK MCC1 a fol. 221 tal-process.

"Is-socjeta` attrici irribattiet billi qalet li dan huwa biss arrangament intern bejn il-partijiet li ma johloq ebda stat lejn terzi ('*res inter alios acta').* Dan sar fi zmien meta kienu qed isiru arrangamenti u trasferimenti interni bejn il kumpanija CDI u Frank Schmidt. Frank Schmidt huwa l-uniku beneficjarju tas-socjeta` attrici kif ukoll il-*Managing Director* tal-istess. CDI kellha thallas lil Schmidt u biex taghmel hekk, peress li hu l-uniku beneficjarju, sar dan il-ftehim biex ikun jista' jircievi l-beneficcji minn din il kawza. Issostni li ma rrinunzjatx b'hekk ghad-drittijiet taghha li tistitwixxi kawza hi stess billi l-kuntratt li hu l-perm tal-kawza odjerna kienet iffirmata bejn CDI u WCL.

"**Ikkonsidrat** li t-test tal-ftehim tal-1 ta' Frar 2000 huwa car u inekwivoku in kwantu li bit-tieni klawzola, CDI ittrasferiet lil Frank Schmidt in dritt tal-azzjoni ghall-hlas minghand WCL. Qari semplici tal-kliem uzati f'din il-klawzola ma jhallix lok ghall-interpretazzjoni xort'ohra. Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu taz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni - *contra scriptum non est argumentum. Inoltre* l-klawzoli kollha tal-kuntratt jitfissru l-wahda bl-ohra, billi kull klawzola jinghata is-sens illi jidher mill-att kollu,[3] **(**Ara - **"*Alfrida Borg vs Carmen Camilleri et"*** (P.A. (RCP) 2 ta' Ottubru 2001); "**P.L. John Privitera *nomine vs* P.L. Ivo Galea *et"*** - P.A. (C.S.) 11 ta' Mejju 1988; **"Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb" -** A. C. 30 ta' Marzu 1997**;Joseph Grech Sant nomine vs Avukat Dr. Riccardo Farrugia *et nomine*" -** A.C. 28 ta' Frar 1997; **"Emmanuel Avallone vs Centru Speranza fl-Inkapacitati"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2002).

"Isewgi li l-Qorti ma tistax taqbel mat-tezi avvanzata mis-socjeta` attrici li donnha trid tillimita l-portata tal-ftehim ghall-semplici arrangament intern biex l-eventwali pagament imur direttament ghand Frank Schmidt.

"Il-Qorti tifhem li bl-iskrittura tal-1 ta' Frar, 2000, is-socjeta` attrici cediet id-dritt ta' azzjoni u l-kreditu taghha kontra Worldwide Communications Limited lil Frank Schmidt li huwa kreditur taghha ghall-ammont imsemmi ta' USD425,000.

"Il-Qorti ser tikkonsidra b'effett ta' dan il-ftehim, CDI giet svestita mill-interess guridiku li tagixxi f'din il-kawza.

---

[3] Ara l-Art.1002 u 1008 tal-Kodici Civili ta' Malta.

“**Osservazzjonijiet Guridici**

“***(a) Interess Guridiku***

“Illi l-gurisprudenza nostrali u anki ta’ Qrati barranin tirrikjedi li rekwizit imprexindibbli ta’ kull azzjoni hu l-interess f’min jipproponiha. Illi kif intqal fis-sentenza “**J Muscat et vs R *Buttigieg et*”** *(27 ta’ Marzu 1990 – Vol LXXIV.iii.481):*

> “*“L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f’kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur.”*

“Il-presuppost specifiku ta’ ezercizzju ta’ l-azzjoni gudizzjarja – *actio nata* – huwa l-interess guridiku. Min jadixxi lill-Qrati ghandu juri li huwa ghandu dritt li gie vjolat lilu, jew li jigi lilu ri-stabbilit id-dritt hekk lez mill-konvenut, u li allura permezz ta’ l-azzjoni jista’ jipprokura xi rizultament vantagguz jew skop utli.

“Illi fis-sentenza **“M Bond vs C Mangion et”** gie spjegat li:-

> “*“Fost ir-rekwiziti ta’ l-interess guridiku hemm dak li l-istess irid ikun attwali, cioe` dak li* ***Mortara*** *jiddefinixxi bhala. 'La utilita` finale della domanda giudiziale sul tema dell'asserita esistenza e violazione di un diritto'. Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha jew jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta.”*

**(b) Cessjoni ta' Kreditu u ta' Dritt ta' Azzjoni**

“Fil-kaz in ezami, CDI cediet d-dritt ta' azzjoni taghha kontra WCL a favur ta' Frank Schmidt u ghalhekk jenhtieg li jigu diskussi l-effetti tac-cessjoni bejn ic-cedent (CDI) u d-debitur (WCL).

“Ic-cessjoni ta' kreditu u ta' dritt ta' azzjoni huma regolati bl-artikoli 1469 *et seq* tal-Kodici Civili.

“Illi l-**Artikolu 1471** jesigi li jkun hemm notifika lid-debitur u testwalment jipprovdi: “*ic-cessjonarju ma jistax, kwantu ghal terzi, jezercita l-jeddijiet lilu ceduti, hlief wara li c-cessjoni tkun giet mgharrfa lid-debitur b’att gudizzjarju, mic-cessjonarju nnifsu jew mic-cedent*.”

“L-Artikolu **1469** jispjega kif isir tali cessjoni u jistipula li: *“ic-cessjoni jew bejgh ta’ kreditu, ta’ jedd, jew ta’ azzjoni hija perfetta, u l-proprjeta` taghha tigi akkwistata ipso jure mic-cessjonarju, hekk kif isir il-ftehim fuq il-kreditu, fuq il-jedd jew fuq l-azzjoni u fuq il-prezz*”.

“Hawn irid jissemma l-fatt illi skont l-iskrittura bejn Schmidt u CDI hemm fil-ftehim ic-cessjoni tad-dritt tal-azzjoni u tal-kreditu a favur ta' Schmidt li hu l-kreditur tal-kumpanija cedenti. In-kontrakambju, ic-cessjonarju kien ser jipprocedi direttament ghall-hlas kontra d-debitur WCL. B'hekk kien hemm kontropartita prevista fil-ftehim.

“Illi rigward l-imsemmija materja l-esponenti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **“Emmanuela sive Lily Schembri vs Marco Aroyo”** (P.A. 16 ta’ Dicembru 1949) li fiha wiehed isib insenjament interessanti dwar it-taghrifa ta’ cessjoni ta’ kreditu. Fl-imsemmija sentenza il-Qorti kienet tal-opinjoni illi m’hemmx ghalfejn li l-iskrittura ta’ cessjoni nnifisha tigi notifikata izda hu bizzejjed li tigi notifikata s-sustanza tal-konvenzjoni. Fl-istess sentenza gie kwotat l-awtur **Laurent** li jghid “*E inutile far conoscere al debitore e ai terzi le clausole del contratto, che interessano soltanto le parti contraenti. L’unica cosa che essi abbiano interesse di sapere e’ il fatto della cessione del credito. Ecco tutto quanto che deve essere notificato al debitore. Cosi` la pensano tutti gli scrittori; e la giurisprudenza ha consacrato questa opinione.”*

“Fil-kaz in ezami, jirrizulta minn dikjarazzjoni tal-istess kumpanija konvenuta li l-ftehim "*gie f'idejhom tramite l-Avukat tal-Kumpanija Attrici waqt l-ahhar*

*seduta mizmuma fil-Qorti."*[4] B'hekk ma jirrizultax li d-debitur WCL gie notifikat bic-cessjoni permezz ta' att gudizzjarju.

“Huwa minnu li, b'effett tac-cessjoni tad-dritt, ic-cessjonarju ma jibqax izjed il-kreditur. Izda l-ligi stess tipprovdi fl-artikolu 1472 li :-

> “"**1472.** *Fin-nuqqas ta’ dik it-tagħrifa (*rikjesta bl-artikolu 1471 tal-Kodici Civili), *jew sakemm dik it-tagħrifa ma ssirx*
>
> *(a) id-debitur ma jistax jeċċepixxi ċ-ċessjoni kontra l-kreditur tiegħu, u jekk iħallas id-dejn lil dan il-kreditur, jiġi meħlus minn dak id-dejn*;"

“Skont l-insenjament ta' ***Baudry Lacantinerie***[5]**"** *Prima della notificazione o dell'accettazione non solo il cedente puo' ricoverare dal ceduto un pagamento, o compensare con lui, o fare con lui una novazione ed estinguere cosi' il credito ceduto, ma anche puo' perseguirne la ricupera contro il ceduto. Questi non puo' opporre al suo procedimento una conclusione d'inammisibilita' tratta dall'esistenza d'una cessione di cui il cessionario non e' investito rispetto a lui."(*enfasi ta' din il-Qorti). L-istess awtur jghid ukoll li sakemm ma ssirx id-debita notifika tac-cessjoni, il-kreditur cedent jista' wkoll jaghmel l-atti konservattivi in kawtela tal-jeddijiet tieghu inkluz l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni kif ukoll iskrizzjonijiet ipotekarji.

“Din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn ma taccettax dawn l-insenjamenti li huma konformi mad-disposizzjonijiet legali tal-kodici taghna gja iccitati f'din is-sentenza.

“Applikati dawn il-principji, jirrizulta li s-socjeta` attrici ghad fadlilha kull interess guridiku fl-ezitu ta' din l-istanza in kwantu fl-assenza ta' notifika tac-cessjoni skont il-ligi, ghandha kull dritt li tipprocedi hi kontra d-debitur biex tirkupra l-pagament dovut.

“Ghalhekk l-eccezzjoni ulterjuri ssollevata mis-socjeta` konvenuta dwar nuqqas ta' interess guridiku ma tistax tigi sostnuta.”

---

[4] Verbal tat 13 ta' Ottubru 2005 a fol. 226 tal-process.

[5] "*Trattato Teroico Pratico di Diritto Civile, Vol. XIX a fol 911.*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet sabiex din il-Qorti:

> "… … … thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti li permezz taghha cahdet l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku sollevata mis-socjeta` appellanti u fil-waqt illi tilqa' din l-istess eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku, tichad it-talbiet attrici kollha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata."

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet sabiex is-sentenza tal-ewwel Qorti tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi b'din il-kawza s-socjeta` attrici qed titlob hlas ghas-servizzi minnha rezi lis-socjeta` konvenuta skont ftehim tal-31 ta' Lulju, 1999. Is-socjeta` konvenuta eccepiet in-nuqqas ta' interess guridiku da parti tas-socjeta` attrici peress illi

rrizultalha li ttrasferiet id-dritt minnha pretiz lil certu Frank Schmidt, u dan qabel il-ftuh ta' din il-kawza. Jirrizulta li dan Frank Schmidt huwa l-*managing director* u l-uniku beneficjarju tas-socjeta` attrici, u peress illi din kellha taghti xi flus lill-istess Schmidt, is-socjeta` attrici ftehmet li "*transfers its entire demand for payment from World Wide Communications Ltd. to Mr. Frank Schmidt*". Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, il-kliem tal-ftehim hu car u wassal ghac-cessjoni tad-dritt ta' azzjoni taghha kontra s-socjeta` konvenuta favur Frank Schmidt. L-ewwel Qorti qieset, pero`, li s-socjeta` attrici xorta wahda tista' tagixxi ghall-hlas, peress illi skont l-Artikolu 1472 tal-Kodici Civili, sakemm id-debitur ma jigix notifikat bic-cessjoni kif irid l-Artikolu 1471 tal-istess Kodici, id-debitur "*ma jistax jecepixxi c-cessjoni kontra l-kreditur tieghu*", u jekk ihallas id-dejn lil dan il-kreditur, jigi mehlus. F'dan il-kaz, jirrizulta li s-socjeta` konvenuta ma gietx notifikata formalment bic-cessjoni li saret bejn is-socjeta` attrici u Frank Schmidt.

Is-socjeta` konvenuta qed tilmenta minn din is-sentenza u tghid li darba "accettat" ic-cessjoni, fit-termini tal-Artikolu 1473 tal-Kodici Civili, ma kienx mehtieg li ssir notifika formali.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, pero`, sa meta nghatat is-sentenza tal-ewwel Qorti ma kienx jirrizulta li s-socjeta` konvenuta accettat ic-cessjoni. L-accettazzjoni, hu veru, tista' ssir bil-fomm u, kwindi, tista' tkun anke implicita, pero`, trid

tirrizulta cara u inekwivoka. Il-fatt li meta s-socjeta` konvenuta saret taf bic-cessjoni talbet u inghatat id-dritt tressaq l-eccezzjoni ulterjuri issa in diskussjoni, ma jfissirx li hi accettat ic-cessjoni. Isegwi, allura, li bil-fatt biss li s-socjeta` konvenuta saret taf bic-cessjoni, ma jfissirx li accettat l-istess, u ma setghetx tecepixxi c-cessjoni kontra l-kreditur originali taghha. Is-sentenza tal-ewwel Qorti hi, allura, korretta.

Jirrizulta issa, pero`, li s-socjeta` konvenuta accettat li saret ic-cessjoni, u bis-sahha tad-duttrina ta' *ius superveniens* tista' allura tapprofitta ruhha mill-Artikolu 1473 imsemmi u teccepixxi n-nuqqas ta' interess guridiku li s-socjeta` attrici tkompli bil-kawza. Is-socjeta` konvenuta tista' validament, u fi kwalunkwe stadju, taccetta c-cessjoni, peress illi hi qatt ma attakkat il-validita` jew opponiet ghac-cessjoni. Kif saret taf biha qajmet mill-ewwel l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' interess guridiku, li ma hijiex "oppozizzjoni" ghac-cessjoni.

Kif inhu risaput l-interess guridiku tal-attur fil-kawza irid jipperdura tul is-smiegh kollu tal-istess, almenu sad-data li fiha l-kawza tigi differita ghas-sentenza. Darba, ghalhekk, issa jirrizulta li s-socjeta` attrici ma ghadx ghandha interess fil-materja, ma tistax tkompli bil-kawza. Is-socjeta` attrici qed tghid li l-ftehim li ghamlet ma' Frank Schmidt ma kienx jammonta ghal cessjoni ta' kreditu. L-ewwel Qorti, pero`, iddecidiet li bis-sahha ta' dak il-ftehim is-socjeta` attrici "cediet" id-dritt ta' azzjoni u l-kreditu taghha kontra

Worldwide Communications Ltd., u kontra din id-decizjoni ma tressaq ebda appell mis-socjeta` attrici.  Dik id-decizjoni, allura, torbot lill-partijiet u lil din il-Qorti.

Isegwi li darba saret cessjoni tad-dritt tal-azzjoni u tal-kreditu, is-socjeta` attrici ma ghadx ghandha interess fil-prosegwiment tal-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` konvenuta, billi tilqa' l-istess thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, u tghaddi biex minflok tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri, tiddikjara li s-socjeta` attrici ma ghandhiex interess guridiku tipprosegwi b'din il-kawza, u tillibera lis-socjeta` konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.

Peress illi c-cessjoni tal-kreditu saret qabel il-ftuh ta' din il-kawza, tordna li l-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mis-socjeta` attrici.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------